DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' April 2014

dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju antidumping estiż fuq ċerti partijiet ta' roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97

(notifikata bid-dokument C(2014) 2474)

(2014/223/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkonisdrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997, li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost bir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjoni ta' ċerti parts tar-roti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u l-impożizzjoni ta' dazju estiż fuq dawn l-importazzjoni rreġistrati fir-Regolament (KE) Nru 703/96 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' wħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tad-dazju antidumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5, 7 u 10 tiegħu,

Wara li informat l-Istati Membri,

Billi:

(1) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 88/97 ("ir-Regolament ta' eżenzjoni"), għadd ta' kumpaniji li jimmuntaw ir-roti ressqu talbiet skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għall-eżenzjoni mid-dazju antidumping estiż għall-importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ") skont ir-Regolament (KE) Nru 71/97 ("ir-Regolament estiż") ("id-dazju estiż"). Id-deċiżjoni l-aktar reċenti tal-Kummissjoni dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju estiż skont ir-Regolament ta' eżenzjoni kien adottat fid-19 ta' Diċembru 2011 ([4]).

(2) Il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* listi suċċessivi ta' kumpaniji li jimmuntaw ir-roti ([5]) li għalihom ġie sospiż il-ħlas tad-dazju antidumping estiż fir-rigward tal-importazzjonijiet tagħhom ta' parts essenzjali tar-rota ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni. Barra minn hekk, ġew ippubblikati listi ta' kumpaniji li jarmaw ir-roti eżentati ġodda u listi ta' eżenzjonijiet rivokati.

1. L-AWTORIZZAZZJONI TA' EŻENZJONI

(3) Il-Kummissjoni rċeviet mill-parti elenkata fit-Tabella 1 t-tagħrif kollu meħtieġ għad-determinazzjoni tal-ammissibilità tat-talbiet tagħha. Skont din l-informazzjoni, il-Kummissjoni sabet li t-talba kienet ammissibbli skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni. Skont l-Artikolu 5(1) tal-istess Regolament, dik il-parti rċeviet is-sospensjoni mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun irċeviet it-talba tagħha.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.
([3]) ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17.
([4]) ĠU L 343, 23.12.2011, p. 86.
([5]) ĠU C 45, 13.2.1997, p. 3, ĠU C 112, 10.4.1997, p. 9, ĠU C 220, 19.7.1997, p. 6, ĠU C 378, 13.12.1997, p. 2, ĠU C 217, 11.7.1998, p. 9, ĠU C 37, 11.2.1999, p. 3, ĠU C 186, 2.7.1999, p. 6, ĠU C 216, 28.7.2000, p. 8, ĠU C 170, 14.6.2001, p. 5, ĠU C 103, 30.4.2002, p. 2, ĠU C 35, 14.2.2003, p. 3, ĠU C 43, 22.2.2003, p. 5, ĠU C 54, 2.3.2004, p. 2, ĠU C 299, 4.12.2004, p. 4, ĠU L 17, 21.1.2006, p. 16, u ĠU L 313, 14.11.2006, p. 5, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 73, ĠU C 310, 5.12.2008, p. 19, ĠU L 19, 23.1.2009, p. 62, ĠU L 314, 1.12.2009, p. 106, ĠU L 136, 24.5.2011, p. 99 ĠU L 343, 23.12.2011, p. 86.

Tabella 1

Isem	Indirizz	Pajjiż	kodiċi addizzjonali TARIC
Ets Th Brasseur SA	Rue des Steppes 13, 4000 Liège	Belgium	B294

(4) Matul l-eżami l-Kummissjoni stabbilixxiet li l-valur tal-parts li joriġinaw fir-RPĊ użati fl-operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' din il-parti kien inqas minn 60 % tal-valur totali tal-parts użati f'dawn l-operazzjonijiet. Konsegwentement, dawn jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

(5) Għal din ir-raġuni, u skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, din il-parti għandha tiġi eżentata mid-dazju estiż.

Skont l-Artikolu 7(2), l-eżenzjoni għandha tibda tgħodd mid-data tal-wasla tat-talba tagħha u, barra minn hekk, id-dejn doganali tagħha fir-rigward tad-dazju estiż għandu jitqies null mill-istess data.

(6) Billi l-eżenzjoni se tapplika biss għal parti speċifikament imsemmija fit-Tabella 1 bl-isem u l-indirizz tagħha, huwa neċessarju li l-parti eżentata tinnotifika lill-Kummissjoni ([1]) minnufih, dwar kwalunkwe bidliet għal dawn (pereżempju, wara bidla fl-isem, forma legali jew indirizz jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' assemblaġġ). F'każ bħal dan, huwa meħtieġ li l-parti li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi għal din il-parti.

2. IS-SOSPENSJONI TAL-ĦLASIJIET TAD-DAZJI GĦAL PARTIJIET LI QED JIĠU EŻAMINATI

(7) Il-Kummissjoni rċeviet mill-partijiet elenkati fit-Tabella 2 it-tagħrif kollu meħtieġ għad-determinazzjoni *prima facie* tal-ammissibilità tat-talbiet tagħhom għall-eżenzjoni. Skont din l-informazzjoni, il-Kummissjoni sabet li t-talbiet imressqa kienu ammissibbli skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(8) Sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet mill-partijiet li qed jiġu eżaminati u li jinsabu elenkati fit-Tabella 2, il-ħlasijiet tad-dazju estiż fir-rigward ta' kull importazzjoni ta' parts essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn dawn il-partijiet għandhom jiġu sospiżi skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(9) Billi s-sospensjoni se tapplika biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 2 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom, huwa meħtieġ li l-partijiet jinnotifikaw lill-Kummissjoni ([2]) minnufih, dwar kwalunkwe bidliet għal dawn (pereżempju wara bidla fl-isem, forma legali jew indirizz jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' assemblaġġ). F'każ bħal dan, huwa meħtieġ li l-parti li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi għal din il-parti.

Tabella 2

Isem	Indirizz	Pajjiż	kodiċi addizzjonali TARIC
c2 g-engineering GmbH	Schlesische Straße 27, 10997 Berlin	Germany	B934
Solo International Oy	Pyyntitie 1 B, 02230 Espoo	Finland	B940
Planet X Ltd	Unit 6, Ignite Business Park, Magna Way, Rotherham S60 1FD	UK	A995
S.C EUROBIKE UNIVERSAL S.R.L.,	Street Asociatiei No. 4, Movilita, Ialomita	Romania	B941

([1]) Il-partijiet huma rrakkomandati li jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.
([2]) Il-partijiet huma rrakkomandati li jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.

Isem	Indirizz	Pajjiż	kodiċi addizzjonali TARIC
Longway Poland Sp. z o.o.	ul. Rajdowa 3a, Konotopa, 05-850 Ożarów Mazowiecki	Poland	B935
BBF Bike GmbH	Carena Allee 8, 15366 Hoppegarten	Germany	B936

3. **RIFJUT TAT-TALBA GĦAL EŻENZJONI U T-TNEĦĦIJA TAS-SOSPENSJONI RELATATA**

(10) Il-parti elenkata fit-Tabella 3 hawn isfel ressqet ukoll talba għal eżenzjoni mid-dazju antidumping estiż. Il-ħlasijiet tad-dejn doganali fir-rigward tad-dazju estiż skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' estensjoni ġew sospiżi skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' eżenzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe importazzjonijiet ta' parts essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn din il-parti mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun irċeviet it-talba tagħha.

Tabella 3

Isem	Indirizz	Pajjiż	kodiċi addizzjonali TARIC
IBEROSELLE, LDA	Vale Domingos 3750 — 321 Águeda	Portugal	B292

(11) Din il-parti llimitat l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħha għal kwantitajiet żgħar u tkompli timporta parts tar-roti mir-RPĊ biss fi kwantitajiet taħt il-limitu ta' 300 unità għal kull tip fuq bażi ta' xahar b'xahar. Għaldaqstant, din il-parti rtirat it-talba tagħha għal eżenzjoni mid-dazju antidumping fuq il-parts tar-roti.

(12) Fuq din il-bażi u skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni kellha tirrifjuta t-talba ta' din il-parti u tneħħi s-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju estiż stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' eżenzjoni. Konsegwentement, id-dazju estiż għandu jinġabar mid-data tal-wasla tat-talba għal eżenzjoni mressqa minn din il-parti, li hija d-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni.

(13) Dak li jingħad fil-premessa preċedenti ma jeskludix l-applikazzjoni ta' eżenzjoni soġġetta għall-kontroll tad-destinazzjoni partikolari skont l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

4. **REVOKA TA' EŻENZJONI**

(14) Għall-parti stabbilita fit-Tabella 4, l-eżenzjoni għandha tiġi revokata.

Tabella 4

Isem	Indirizz	Pajjiż	kodiċi addizzjonali TARIC
Borge Kildemoes Cykelfabrik A/S	Albanivej 7, Nr. Lyndelse, 5792 Arslev	Denmark	A166

(15) Din il-parti ġiet eżentata mid-dazju antidumping estiż fuq il-parts tar-roti. Din il-parti infurmat lis-servizzi tal-Kummissjoni li kienet waqqfet l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħha. Għal raġunijiet ta' ċarezza, għalhekk, l-eżenzjoni għandha tiġi revokata.

5. **L-AĠĠORNAMENT TA' REFERENZI GĦAL ĊERTI PARTIJIET EŻENTATI**

(16) Il-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 5 ippreżentaw ruħhom u infurmaw lill-Kummissjoni li l-isem, il-forma legali jew l-indirizz tagħhom inbidel. Il-Kummissjoni, wara li eżaminat l-informazzjoni mressqa, ikkonkludiet li dawn il-bidliet bl-ebda mod ma jaffettwaw l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' eżenzjoni.

(17) Filwaqt li l-eżenzjonijiet ta' dawk il-partijiet mid-dazju estiż awtorizzat skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni jibqgħu mhux affettwati, ir-referenzi għal dawk il-partijiet għandhom jiġu aġġornati.

Tabella 5

Ir-referenza ta' qabel	Il-bidla	kodiċi addizzjonali TARIC
Cannondale Europe BV Hanzepoort 27, NL-7575 DB Oldenzaal	L-isem inbidel għal "Cycling Sports Group Europe B.V."	A686
4Ever s.r.o. 2. Května 267, CZ-742 13 Studénka	L-indirizz inbidel għal "Moravská 842, 742 13 Studénka, Czech Republic"	A558
Canyon Bicycles GmbH Koblenzer Strasse 236, DE-56073 Koblenz	L-indirizz inbidel għal "Karl-Tesche-Str. 12, 56073 Koblenz, Germany"	A856
Kellys Bicycles sro Krajinská 1 SK-92101 Piešťany	L-indirizz inbidel għal "Slnečná cesta 374, 922 01 Veľké Orvište, Slovak Republic"	A551
Madirom PROD SRL Bd. Liviu Rebreanu nr. 130 RO-300748 Timişoara, Timiş	L-indirizz inbidel għal "S.C. Madirom Prod S.R.L., Strada Stefan Procopiu Nr. 1, 300647 Timisoara, Judet Timis, Romania"	A896
Intercycles SA, F-85000 La Roche sur Yon, France	L-isem u l-forma legali nbidel għal "Arcade Cycles S.A.S."	8065
Veronese Luigi S.N.C. di Veronese Paolo e Elisabetta — Cicli Roveco Via Umberto I, 508 I-45023 Costa di Rovigo — IT	L-isem u l-forma legali nbdilu għal "Cicli Roveco di Veronese Paolo & C. S.A.S."	A402
Cobran snc di Perrino Agostino & C., Via Zingarina, 6 I-47900 Rimini — IT	L-isem u l-forma legali nbidlu għal "Cobran S.R.L."	A246
Schwinn-Csepel Kerékpárgyártó és Forgalmazó Rt. Duna Lejáró 7 H-1211 Budapest	L-isem u l-indirizz inbidlu għal "Csepel Bicycle Manufacturing and Sales Company LTD., Duna Lejáró 7, H-1211 Budapest, Hungary"	A555
MICMO/Gitane, F-44270 Machecoul	L-isem inbidel għal "Manufacture Française Du Cycle"	8963
Metelli di Staffoni Mario & C.S.A.S. Via Trento 68 IT-25030 Trenzano (BS)	L-isem inbidel għal "Metelli di Metelli Maria Rosa E C. S.A.S."	A979
Vizija Sport d.o.o. Tržaška cesta 87 b, SL-1370 Logatec	L-indirizz inbidel għal "Tržaška cesta 77, 1370 Logatec, Slovenia"	A630
Euro Bike Products ul. Starolecka 18 PL-61-361 Poznan	L-indirizz inbidel għal "ul. Ostrowska 498, 498 A, 61-324 Poznań, Poland"	A849

Ir-referenza ta' qabel	Il-bidla	kodiċi addizzjonali TARIC
Speedcross di Torretta P. e C. snc — Corso Italia 20 — I-20020 Vanzaghello (MI) Italy	L-isem inbidel għal "Speedcross di Torretta Luigi E C. s.n.c."	A163
Code X Sp. z o.o. Olszanka 109, PL-33-386 Podegrodzie	L-isem inbidel għal: "Skilledbike Sp. z o.o."	A966
Gruppo Bici Srl — Via Pitagora 15 — I-47023 Cesena	Il-forma legali nbidlet għal "Gruppo Bici S.p.A."	8005
Bohemia Bike Okružní 110, Hlincova Hora CZ-373 71 Rudolfov	L-indirizz inbidel għal "Okružní 697, 370 01 České Budějovice, Czech Republic"	A605
Novus Bike s.r.o. Hlavní 266 CZ-747 81 Otice	L-indirizz inbidel għal "Vančurova 2985/20, 746 01 Opava 1, Czech Republic"	A553

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Artikolu 2

Il-parti elenkata fit-Tabella 1 hija b'dan eżentata mill-estensjoni bir-Regolament (KE) Nru 71/97 tad-dazju antidumping definittiv fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina impost bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 ([1]) fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti parts ta' tar-roti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

L-eżenzjoni tidħol fis-seħħ fir-rigward ta' din il-parti mid-data prevista fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

L-eżenzjoni tapplika biss għall-parti speċifikament imsemmija fit-Tabella 1 bl-isem u l-indirizz tagħha. Il-parti eżentata tinnotifika lill-Kummissjoni minnufih, b'kull tibdil f'dawn, waqt li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kull modifika fl-attivitajiet tal-parti marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni.

Tabella 1

Il-parti eżentata

Isem	Indirizz	Pajjiż	Eżenzjoni konformi mar-Regolament (KE) Nru 88/97	Data ta' dħul fis-seħħ	kodiċi addizzjonali TARIC
Ets Th Brasseur SA	Rue des Steppes 13, 4000 Liège	Belgium	Artikolu 7	29.5.2012	B294

Artikolu 3

Il-partijiet elenkati fit-tabella 2 qed jiġu eżaminati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Is-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju antidumping estiż skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 se tidħol fis-seħħ mid-dati tal-wasla tat-talbiet ta' dawn il-partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

([1]) ĠU L 228, 9.9.1993, p. 1.

Din is-sospensjoni tapplika biss lill-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 2 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom. Il-parti li qed tiġi eżaminata tinnotifika lill-Kummissjoni minnufih, b'kull tibdil f'dawn, waqt li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-parti marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' sospensjoni.

Tabella 2

Il-partijiet li qed jiġu eżaminati

Isem	Indirizz	Pajjiż	Sospensjoni konformi mar-Regolament (KE) Nru 88/97	Data ta' dħul fis-seħħ	kodiċi addizzjonali TARIC
c2 g-engineering GmbH	Schlesische Straße 27, 10997 Berlin	Germany	Artikolu 5	16.12.2013	B934
Solo International Oy	Pyyntitie 1 B, 02230 Espoo	Finland	Artikolu 5	26.7.2013	B940
Planet X Ltd	Unit 6, Ignite Business Park, Magna Way, Rotherham S60 1FD	UK	Artikolu 5	7.2.2013	A995
S.C EUROBIKE UNIVERSAL S.R.L.	Street Asociatiei No. 4, Movilita, Ialomita	Romania	Artikolu 5	26.7.2013	B941
Longway Poland Sp. z o.o.	ul. Rajdowa 3a, Konotopa, 05-850 Ożarów Mazowiecki	Poland	Artikolu 5	16.12.2013	B935
BBF Bike GmbH	Carena Allee 8, 15366 Hoppegarten	Germany	Artikolu 5	14.1.2014	B936

Artikolu 4

It-talba għal eżenzjoni mid-dazju antidumping estiż imressqa mill-parti elenkata fit-Tabella 3 qed tiġi, b'dan, miċħuda skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Is-sospensjoni tal-ħlas tad-dazju antidumping estiż b'dan qed titneħħa għal din il-parti skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 88/97, mid-data prevista fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

Tabella 3

Il-parti li titneħħielha s-sospensjoni

Isem	Indirizz	Pajjiż	Sospensjoni konformi mar-Regolament (KE) Nru 88/97	Data ta' dħul fis-seħħ	kodiċi addizzjonali TARIC
IBEROSELLE, LDA	Vale Domingos 3750 — 321 Águeda	Portugal	Artikolu 5	20.4.2012	B292

Artikolu 5

L-eżenzjoni tal-parti stabbilita fit-Tabella 4 mill-ħlas tad-dazju antidumping estiż hija b'dan revokata skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 88/97, mid-data prevista fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

Tabella 4

Il-parti li għaliha tiġi revokata l-eżenzjoni

Isem	Indirizz	Pajjiż	Eżenzjoni konformi mar-Regolament (KE) Nru 88/97	Data ta' dħul fis-seħħ	kodiċi addizzjonali TARIC
Borge Kildemoes Cykelfabrik A/S	Albanivej 7, Nr. Lyndelse, 5792 Arslev	Denmark	Artikolu 7	Jum wieħed wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni	A166

Artikolu 6

Ir-referenzi aġġornati għal partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 5 huma pprovduti fil-kolonna intitolata "Referenza ġdida". Il-kodiċijiet addizzjonali TARIC korrispondenti li qabel kienu attribwiti lil dawn il-partijiet eżentati kif stipulat fil-kolonna intitolata "Kodiċi addizzjonali TARIC" jibqgħu l-istess.

Tabella 5

Partijiet eżentati li għalihom tiġi aġġornata r-referenza

Ir-referenza ta' qabel	Referenza ġdida	Pajjiż	kodiċi addizzjonali TARIC
Cannondale Europe BV Hanzepoort 27, NL-7575 DB Oldenzaal	Cycling Sports Group Europe B.V. Hanzepoort 27 7575 DB Oldenzaal, The Netherlands	Il-Pajjiżi l-Baxxi	A686
4Ever s.r.o. 2. Května 267, CZ-742 13 Studénka	4Ever s.r.o. Moravská 842 742 13 Studénka, Czech Republic	Ir-Repubblika Ċeka	A558
Canyon Bicycles GmbH Koblenzer Strasse 236, DE-56073 Koblenz	Canyon Bicycles GmbH Karl-Tesche-Str. 12 56073 Koblenz, Germany	Germany	A856
Kellys Bicycles sro Krajinská 1 SK-92101 Piešťany	KELLYS BICYCLES s.r.o. Slnečná cesta 374 922 01 Veľké Orvište, Slovak Republic	Ir-Repubblika Slovakka	A551
Madirom PROD SRL Bd. Liviu Rebreanu nr. 130 RO-300748 Timișoara, Timiș	S.C. Madirom Prod S.R.L. Strada Stefan Procopiu Nr. 1 300647 Timisoara, Judet Timis, Romania	Romania	A896
Intercycles SA, F-85000 La Roche sur Yon, France	Arcade Cycles 78 Impasse Philippe-Gozola ZA Acti Est Parc Eco 85-1 85000 La Roche-sur-Yon, France	Franza	8065
Veronese Luigi S.N.C. di Veronese Paolo e Elisabetta — Cicli Roveco Via Umberto I, 508 I-45023 Costa di Rovigo — IT	Cicli Roveco di Veronese Paolo & C. S.A.S. Via Umberto I n.508 45023 Costa Di Rovigo, Italy	L-Italja	A402
Cobran snc di Perrino Agostino & C., Via Zingarina, 6 I-47900 Rimini — IT	Cobran S.R.L. Via Della Zingarina 6 47900 Rimini (RN), Italy	L-Italja	A246
Schwinn-Csepel Kerékpárgyártó és Forgalmazó Rt. Duna Lejáró 7 H-1211 Budapest	Csepel Bicycle Manufacturing and Sales Company LTD. Duna Lejáró 7 1211 Budapest, Hungary	L-Ungerija	A555

Ir-referenza ta' qabel	Referenza ġdida	Pajjiż	kodiċi addizzjonali TARIC
MICMO/Gitane, F-44270 Machecoul	Manufacture Française Du Cycle 27 rue Marcel Brunelière 44270 Machecoul, France	Franza	8963
Metelli di Staffoni Mario & C.S.A.S. Via Trento 68 IT-25030 Trenzano (BS)	Metelli di Metelli Maria Rosa E C. S.A.S. Via Trento 68 25030 Trenzano (BS), Italy	L-Italja	A979
Vizija Sport d.o.o. Tržaška cesta 87 b, SL-1370 Logatec	Vizija Sport d.o.o. Tržaška cesta 77 1370 Logatec, Slovenia	Is-Slovenja	A630
Euro Bike Products ul. Starolecka 18 PL-61-361 Poznan	Euro Bike Products ul. Ostrowska 498, 498 A 61-324 Poznań, Poland	Poland	A849
Speedcross di Torretta P. e C. snc — Corso Italia 20 — I-20020 Vanzaghello (MI) Italy	Speedcross di Torretta Luigi E C. s.n.c., Corso Italia 20, 20020 Vanzaghello (MI), Italy	L-Italja	A163
Code X Sp. z o.o. Olszanka 109, PL-33-386 Podegrodzie	Skilledbike Sp. z o.o. Olszanka 109 33-386 Podegrodzie, Poland	Poland	A966
Gruppo Bici Srl — Via Pitagora 15 — I-47023 Cesena	Gruppo Bici S.p.A. Via Pitagora 15 47521 Cesena, Italy	L-Italja	8005
Bohemia Bike Okružní 110, Hlincova Hora CZ-373 71 Rudolfov	Bohemia Bike a.s. Okružní 697 370 01 České Budějovice, Czech Republic	Ir-Repubblika Ċeka	A605
Novus Bike s.r.o. Hlavní 266 CZ-747 81 Otice	Novus Bike s.r.o. Vančurova 2985/20 746 01 Opava 1, Czech Republic	Ir-Repubblika Ċeka	A553

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-partijiet elenkati fl-Artikoli 2, 3, 4, 5 u 6. Hija wkoll ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni

Karel DE GUCHT

Membru tal-Kummissjoni